

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RAKKOMANDEZZJONIJIET

IL-KUNSILL

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

tat-30 ta' Ottubru 2020

dwar Pont għall-Impjiegi - It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ

(2020/C 372/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292, flimkien mal-Artikolu 149 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) F'Novembru tal-2017, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ħabbru l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, fejn stabbilew 20 prinċipju u dritt biex jiġu appoġġati swieq tax-xogħol u sistemi ta' protezzjoni soċjali ġusti u li jiffunzjonaw tajjeb. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jistabbilixxi d-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, jiddikjara li l-ugwaljanza fit-trattament u fl-opportunitajiet bejn in-nisa u l-irġiel għandha tiġi żgurata fl-oqsma kollha u jistabbilixxi d-dritt għall-aċċess għall-protezzjoni soċjali u t-taħriġ. Jiddikjara wkoll li l-perijodi ta' prova jenħtieġ li jkunu ta' tul raġonevoli u li l-abbuż minn kuntratti atipiċi jrid jiġi pprojbit. Il-Prinċipju 4 ("Appoġġ attiv għall-impjiegi") jiddikjara li "Iż-żgħażaġh għandhom id-dritt għal edukazzjoni kontinwa, apprendistat, traineeships jew offerta ta' xogħol ta' reputazzjoni tajba sa erba' xhur minn meta jiġu qiegħda jew jitolqu mill-iskola."
- (2) Il-linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, adottati mill-Kunsill fid-Deċiżjoni 2019/1181 ⁽¹⁾ tiegħu, u b'mod partikolari l-linja gwida 6, jappellaw lill-Istati Membri biex ikomplu jindirizzaw il-qgħad fost iż-żgħażaġh u l-kwistjoni ta' żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ ('NEET') permezz tal-prevenzjoni tat-tluq bikri mill-iskola u t-titjib strutturali fit-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol, inkluż permezz tal-implimentazzjoni sħiħa tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ.
- (3) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali ⁽²⁾ tistipula l-elementi u l-prinċipji għall-validazzjoni ta' tagħlim mhux formali u informali, li jippermetti li individwi b'għarfien, ħiliet u kompetenzi li jkunu akkwistaw permezz ta' tagħlim mhux formali u informali jiġu vvalidati u jkwalifika sħiħa jew, fejn japplika, kwalifika parzjali.

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1181 tas-8 ta' Lulju 2019 dwar linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri (ĠU L 185, 11.7.2019, p. 44).

⁽²⁾ ĠU C 398, 22.12.2012, p. 1.

- (4) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar Perkorsi ta' titjib tal-ħiliet: Opportunitajiet Ġodda għall-Adulti ⁽³⁾ tirrakkomanda li l-adulti b'livell baxx ta' ħiliet, għarfien u kompetenzi jingħataw l-opportunità, skont il-ħtiġijiet individwali ta' għarfien, biex jiksbu livell minimu ta' litteriżmu, numeriżmu u kompetenza diġitali, jew biex jiksbu sett usa' ta' ħiliet, għarfien u kompetenzi.
- (5) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja ⁽⁴⁾ tappella lill-Istati Membri biex jappoġġaw l-iżvilupp ta' ħiliet diġitali bażiċi u biex iżidu u jtejbu l-livell tal-kompetenzi diġitali fis-segmenti kollha tal-popolazzjoni.
- (6) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2014 dwar Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships ⁽⁵⁾ toffri gwida dwar l-għoti ta' traineeships ta' kwalità għolja u tinkludi elementi ta' kwalità li huma marbuta b'mod partikolari mal-kontenut tat-tagħlim, mal-kundizzjonijiet tax-xogħol, u mat-trasparenza fir-rigward tal-kundizzjonijiet finanzjarji u l-prattiki ta' reklutaġġ.
- (7) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi ⁽⁶⁾ tidentifika 14-il kriterju ewleni li l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati jenħtieġ li jużaw biex jiżviluppaw apprendistati ta' kwalità u effettivi biex jiżguraw kemm l-iżvilupp tal-ħiliet marbuta mal-impjiegi kif ukoll l-iżvilupp personali tal-apprendisti.
- (8) Ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾ jipprovdi qafas komuni għal seba' ġabriet ta' data li qabel kienu indipendenti, fosthom l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol tal-UE. Minn dak il-qafas komuni, jiġifieri l-Istatistika Soċjali Ewropea Integrata (IESS), toħroġ data komparattiva aktar granulari minn madwar l-UE, li ser tippermetti fehim aħjar tat-tranżizzjoni taż-żgħażaġh mill-edukazzjoni għax-xogħol, waqt li tagħti stampa aktar preċiża tal-esperjenza ta' għarfien u tagħlim u tax-xogħol, iżda wkoll il-karatteristiċi individwali tal-kuntest li jkunu ġejjin minnu.
- (9) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2016, il-Kunsill Ewropew jappella għall-kontinwazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ. Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill jafferma mill-ġdid li l-indirizzar tal-qgħad u tal-inattività fost iż-żgħażaġh għadu prijorità politika, iqis li l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u l-Inizjattiva favur l-impjiegi taż-Żgħażaġħ ipprovdew impetu qawwi għal riformi strutturali u innovazzjoni fil-politika, u jenfasisza li sabiex jintlaħqu n-NEETs jeħtieġu kemm sforzi qawwi u persistenti min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll kooperazzjoni transsettorjali.
- (10) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Janjar 2018 dwar l-implimentazzjoni tal-Inizjattiva favur l-impjiegi taż-Żgħażaġħ fl-Istati Membri, il-Parlament Ewropew jappella lill-Istati Membri biex jistabbilixxu strateġiji ta' sensibilizzazzjoni xierqa u mfassla apposta biex jintlaħqu n-NEETs kollha, u biex jieħdu approċċ integrat favur iżjed disponibbiltà ta' assistenza u servizzi individwalizzati biex jiġu appoġġati iż-żgħażaġh li jiffaċċjaw ostakli multipli. Il-Parlament Ewropew jenfasisza l-ħtieġa li tittejjeb il-kwalità tal-offerti skont il-Garanzija taż-Żgħażaġħ u l-Inizjattiva favur l-impjiegi taż-Żgħażaġħ, u jappella għal diskussjoni fil-futur dwar il-grupp ta' età eliġibbli.
- (11) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew huwa l-istrateġija l-ġdida tal-Unjoni għat-ktabbir. L-għan tiegħu huwa li jittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u għanja, b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva, fejn sal-2050 ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet b'effett ta' serra, u fejn it-ktabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi.
- (12) Bil-għan li tgħin fit-tiswija tal-ħsara ekonomika u soċjali kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19, tagħti l-ħajja lill-irkupru Ewropew biex jagħmel tajjeb għal dik il-ħsara, u biex tiproteġi u toħloq l-impjiegi, il-Kummissjoni pproponiet pjan ta' rkupru sinifikanti għall-Ewropa ibbażat fuq l-isfruttament tal-potenzjal sħiħ tal-baġit tal-Unjoni u pproponiet l-istrument ta' rkupru "Next Generation EU". Dak l-istrument ser ikun kruċjali biex, fost oqsma oħra, jappoġġa miżuri fuq terminu qasir biex jiġu appoġġati l-impjiegi, inkluż l-impjiegi taż-żgħażaġh, kif ukoll l-investimenti firiformi tal-politika fuq terminu itwal relatati mas-suq tax-xogħol u mas-sistemi soċjali, edukattivi u ta' taħriġ.

⁽³⁾ ĠU C 484, 24.12.2016, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 189, 4.6.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU C 88, 27.3.2014, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU C 153, 2.5.2018, p. 1.

⁽⁷⁾ Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 (ĠU L 2611, 14.10.2019, p. 1).

- (13) Fl-2013, matul ir-reċessjoni ekonomika preċedenti, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażaġh (ta' bejn il-15 u l-24 sena) kienet ta' 24,4 % fl-Unjoni (żieda minn 16 % fl-2008) u ta' aktar minn 50 % f'xi Stati Membri, u kien hemm 6,5 miljun NEET fl-età ta' bejn il-15 u l-24 sena. B'reazzjoni għal dan, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ ġiet adottata f'April 2013 ⁽⁸⁾. Hija tikkostitwixxi rispons koordinat ewlieni, fil-livell tal-Unjoni, għall-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom iż-żgħażaġh u hija msejsa fuq interventi edukattivi u dawk tal-politika attiva tas-suq tax-xogħol fl-Istati Membri.
- (14) Bil-pandemija tal-COVID-19, l-Unjoni waqgħet f'reċessjoni ekonomika mingħajr preċedent, li x'aktarx ser terġa' ggħib magħha rati wisq għolja ta' qgħad fost iż-żgħażaġh u ta' NEETs. L-ekonomija tal-Unjoni mistennija tiċkien b'mod sinifikanti fl-2020, u tidħol fl-aktar reċessjoni profonda fl-istorja tagħha. L-aktar li ser ibatu huma iż-żgħażaġh li qabel il-bidu tal-pandemija diġà kienu f'sitwazzjoni prekarja fis-suq tax-xogħol jew li kellhom jegħlbu ostakli biex jaċċessaw ix-xogħol, filwaqt li dawk li deħlin fis-suq tax-xogħol issa ser isibuha aktar diffiċli li jiżguraw l-ewwel impjieg tagħhom. Għalhekk, fid-dawl tal-kriżi attwali jeħtieġ li tissaħħaħ il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ.
- (15) Iż-żgħażaġh jistgħu jsibu quddiemhom diversi sfidi fis-suq tax-xogħol, anke minħabba l-perijodi tranżitorji tal-ħajja li jkunu għaddejnin minnhom, l-esperjenza limitata jew in-nuqqas ta' esperjenza professjonali tagħhom u ostakli oħra sabiex jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Kif deher fir-reċessjonijiet fil-passat, iż-żgħażaġh jintlaqtu agħar mill-ħaddiema li huma mdaħħla fiż-żmien u li għandhom aktar esperjenza.
- (16) Aktar jistgħu jispiċċaw inattivi n-nisa żgħażaġh milli l-irġiel żgħażaġh minħabba responsabbiltajiet ta' kura, fosthom biex jieħdu ħsieb it-tfal jew adulti dipendenti, jew responsabbiltajiet oħra personali jew tal-familja. Ir-responsabbiltajiet ta' kura bħala raġuni għan-nuqqas ta' attività huma aktar minn ħames darbiet aktar prevalenti fost in-nisa żgħażaġh milli fost l-irġiel żgħażaġh. Dan jista' jwassal għal żieda fid-differenza bejn il-ġeneri fl-impjieg b'konsegwenzi dejjiema tul il-ħajja tan-nisa.
- (17) Il-qgħad u l-inattività fost iż-żgħażaġh kif ukoll l-aċċess limitat għal edukazzjoni u taħriġ u għal servizzi soċjali inklużivi u ta' kwalità għolja jista' jkollhom effett ċikatriċi bħal żieda fir-riskju ta' qgħad aktar 'il quddiem, livelli aktar baxxi ta' qligħ futur, telf ta' kapital uman u trażmissjoni interġenerazzjonali tal-faqar. Dawk l-elementi jissarrfu fi tbatija individwali u s-soċjetà iġenerali jkollha tħallas għalihom b'mod dirett u indirett. Huma jżidu wkoll l-inugwaljanzi reġjonali, pereżempju fejn, f'żoni rurali jew imbiegħda, iż-żgħażaġh ma jkunux jistgħu jakkwistaw integrazzjoni sostenibbli fis-suq tax-xogħol u għaldaqstant ifittxu opportunitajiet fi bñadi oħra.
- (18) Żviluppi kontinwi bħall-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-produzzjoni u s-servizzi jkomplu jagħtu sura għda lid-dinja tax-xogħol. Iż-żgħażaġh huma rrappreżentati żżejjed fl-impjieg mhux standard bħalma hu x-xogħol fuq pjattaforma jew "gigs", li jista' jkun li ma jkollhomx aċċess għal protezzjoni soċjali adegwata. Iż-żgħażaġh jinsabu fost dawk il-gruppi esposti għat-telf tal-impjieg tagħhom minħabba l-awtomatizzazzjoni, billi l-impjieg fil-livell tad-dħul x'aktarx li jkollhom proporzjon akbar ta' kompiti awtomatizzabbli. Fl-istess ħin, it-teknoloġiji diġitali joħolqu impjieg ġodda u jżidu d-domanda għall-ħiliet meħtieġa għal trasformazzjoni diġitali f'ħafna setturi tal-ekonomija.
- (19) L-investment issa fil-kapital uman taż-żgħażaġh Ewropej jgħin biex l-ekonomija tas-suq soċjali tal-Ewropa jilqgħu għall-futur, billi jakkomodaw bidliet demografiki waqt li jħaddnu bis-sħiħ l-era diġitali u t-tkabbir tal-impjieg fl-ekonomija ekoloġika. Investimenti bħal dawn imorru id fid mar-riformi tas-suq tax-xogħol, li jistgħu jindirizzaw xi wħud mill-problemi strutturali għaż-żgħażaġh u jagħtuhom pożizzjoni aħjar minn fejn jibdew. L-Unjoni tkun tista' tgawdi l-benefiċċji kollha ta' forza tax-xogħol attiva, innovattiva u ta' ħila, waqt li tevita milli l-ekonomija u s-soċjetà jħallsu prezz għoli ħafna talli hemm żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ.
- (20) Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa tista' tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' impjieg għaż-żgħażaġh, għall-promozzjoni tal-intraprenditorija taż-żgħażaġh u tgħin biex jiġu sfruttati l-opportunitajiet li jirriżultaw mit-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiki. Tista' tgħin biex tnaqqas l-effetti ċikatriċi persistenti fis-suq tax-xogħol ikkawżati minn tnaqqis drastiku billi tħeġġeġ lill-impriżi jingaġġaw żgħażaġh qiegħda, inkluż dawk li kienu qiegħda qabel il-pandemija, u billi tipprovdi taħriġ li jiffaċilita t-tqabbil ta' żgħażaġh qiegħda u inattivi mal-postijiet tax-xogħol.

⁽⁸⁾ ĠU C 120, 26.4.2013, p. 1.

- (21) Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa jenħtieġ li tiżgura li ż-żgħażaġħ kollha jirċievu offerta ta' kwalità tajba ta' impjieg, edukazzjoni kontinwa, u apprendistat jew traineeship fi żmien erba' xhur minn meta jsiru qiegħda jew minn meta jħallu l-edukazzjoni formali. Sabiex tilħaq dik l-ambizzjoni, jenħtieġ li liż-żgħażaġħ tagħtihom triq lejn integrazzjoni stabbli fis-suq tax-xogħol, u tasal għand għadd akbar ta' żgħażaġħ, u timmotivahom, irrispettivament mill-ostakli li jista' jkollhom quddiemhom, waqt li tiżgura li ħadd minnhom ma jibqa' lura. Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa jenħtieġ li tagħmel mill-aħjar biex tappoġġa liż-żgħażaġħ biex jiksbu esperjenza tax-xogħol siewja u fl-iżvilupp tal-ħiliet it-tajbin għal dinja tax-xogħol li qed tinbidel, b'mod partikolari dawk il-ħiliet rilevanti għas-setturi ta' tkabbir u t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Il-kwalità tal-apprendistati taqdi rwol importanti f'dan ir-rigward. Hemm bżonn li tingħata spinta lill-provvista ta' apprendistati speċjalment matul il-fażi ta' rkupru u li tiġi promossa l-parteċipazzjoni tal-kumpanniji sabiex tiġi ffaċilitata tranżizzjoni aktar faċli lejn l-impjieg. L-apprendistati jħejju liż-żgħażaġħ għal impjiegi li huma mfitxija ħafna, u b'hekk joffrullhom it-triq lejn integrazzjoni sostenibbli fis-suq tax-xogħol, anki fl-ivell lokali.
- (22) Fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2013 dwar it-twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ, l-Istati Membri ħadu l-impenn li jiżguraw li ż-żgħażaġħ kollha ta' taħt il-25 sena jirċievu offerta ta' kwalità tajba ta' impjieg, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew traineeship sa erba' xhur minn meta jsfaw qiegħda jew minn meta jħallu l-edukazzjoni formali. It-twessiegħ tal-kategorija tal-età biex tinkludi ż-żgħażaġħ ta' bejn il-25 u d-29 sena jirrikonoxxi li t-tranżizzjonijiet mill-iskola għax-xogħol u l-integrazzjoni sostenibbli fis-suq tax-xogħol qed jieħdu aktar fit-tul minħabba n-natura tax-xogħol li qed tinbidel, il-perijodi estiżi mqatta' fl-edukazzjoni u l-ħiliet li hemm domanda għalihom. Huwa importanti li jiġi rikonoxxut li t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku minħabba l-pandemija tal-COVID-19 ser iwassal biex proporzjon akbar ta' dawk bejn il-25 u d-29 sena jsfaw qiegħda u jkunu jeħtieġu appoġġ. Hija tallinja wkoll il-miżuri u l-programmi tal-Istati Membri relatati maż-żgħażaġħ, li ġeneralment ikunu disponibbli għaż-żgħażaġħ fl-etajiet ta' bejn il-15 u d-29 sena.
- (23) In-NEETs huma grupp eteroġenu. Għal xi żgħażaġħ, il-fatt li jkunu NEETs jista' jkun sintomu ta' ħafna żvantaġġi intrinżiċi u jista' jindika diżimpenn fit-tul mis-soċjetà, u għaldaqstant ikun hemm il-bżonn ta' interventi itwal. Xi żgħażaġħ ikunu vulnerabbli b'mod partikolari, pereżempju dawk li jitolqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ jew dawk li ma jkollhomx edukazzjoni jew taħriġ adegwati, li spiss ikollhom protezzjoni soċjali limitata, aċċess ristrett għal riżorsi finanzjarji, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, jew issir diskriminazzjoni fil-konfront tagħhom. Għal oħrajn, bħal żgħażaġħ b'livell għoli ta' ħiliet jew dawk li diġà għandhom esperjenza ta' xogħol sinifikanti u li għadha rilevanti, il-fatt li jkunu NEETs x'aktarx li jkun status temporanju peress li jħabbtu wiċċhom ma' ostakli baxxi għaddħul fis-suq tax-xogħol u ma għandhom l-ebda vulnerabbiltajiet inerenti. Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa jenħtieġ li tirrikonoxxi li n-NEETs jeħtieġu approċċ individwalizzat: għal xi wħud min-NEETs jista' jkun biżżejjed approċċ eħfef, iżda għal NEETs oħrajn li jkunu aktar vulnerabbli, jistgħu jkunu meħtieġa interventi aktar intensivi, twal u komprensivi. L-interventi jenħtieġ li jkunu bbażati fuq approċċ sensitiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru, b'kont meħud tad-differenzi bejn iċ-ċirkustanzi nazzjonali, reġjonali u lokali.
- (24) Aktar minn żaġħżuġħ wieħed minn kull ħamsa madwar l-Unjoni ma jirnexxilux jilħaq livell bażiku ta' ħiliet diġitali, bi probabbiltà ta' tliet darbiet aktar li ż-żgħażaġħ bi kwalifiki baxxi ma jilhqax livell suffiċjenti ta' ħiliet diġitali meta mqabbel mal-kontropartijiet tagħhom bi kwalifiki għolja. Bil-pandemija tal-COVID-19 taċċellera t-tranżizzjoni diġitali, id-diskrepanza fil-ħiliet diġitali ssir fattur determinanti ewlieni fl-impjegabbiltà taż-żgħażaġħ u fil-kapaċità tagħhom li jaħftu l-opportunitajiet li jirriżultaw minn din it-tranżizzjoni. It-taħriġ ta' aġġornament immirat jgħin liż-żgħażaġħ jirrispondu għad-domanda dejjem tikber għall-ħiliet diġitali u jindirizza d-distakk diġitali.
- (25) Meta dan jitqies xieraq, it-taħriġ preparatorju qabel ma wieħed jaċċetta offerta, imwettaq skont il-ħtiġijiet individwali u relatat ma' oqsma ta' ħiliet speċifiċi bħal ħiliet diġitali, ekoloġiċi, lingwistiċi, intraprenditorjali u ta' ġestjoni tal-karriera, jenħtieġ li jkun parti minn Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa. Dan it-taħriġ Prattiku jista' jkun pass 'il quddiem lejn kors sħiħ ta' taħriġ vokazzjonali, togħma żgħira tad-dinja tax-xogħol, jew inkella jissupplimenta l-edukazzjoni jew l-esperjenza tax-xogħol eżistenti qabel il-bidu tal-offerta tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ. In-natura qasira u informali ta' dan it-taħriġ preparatorju, li jenħtieġ li ma jtawwalx il-fażi preparatorja ta' erba' xhur, tiddistingwih mill-offerta nfisha.
- (26) Biex tingħata spinta għall-kwalità tal-impjiegi kif ukoll għall-opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ, għall-apprendistati u t-traineeships, huma kruċjali koordinazzjoni effettiva u sħubijiet bejn diversi oqsma ta' politika li jinkludu l-impjieg, l-edukazzjoni, iż-żgħażaġħ, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-affarijiet soċjali. Servizzi integrati (bħal punti uniki ta' servizz jew mudelli oħra) joffru aċċess aktar faċli għas-servizzi u għall-benefiċċji, u jistgħu b'mod aktar faċli joffru xi soluzzjonijiet imfassla apposta, flessibbli u li jagħtu soluzzjonijiet aħjar għaż-żgħażaġħ

b'ostakli multidimensjonali għas-suq tax-xogħol. Is-servizzi integrati jeħtieġu bidla fil-kultura tax-xogħol, billi ż-żgħażaġh jitqiegħdu fiċ-ċentru tal-interventi u titrawwem l-użanza li jsir skambju ta' ideat dwar l-aħjar prattiki fil-livelli kollha tal-gvern u jinbnew networks bejn l-atturi rilevanti kollha. Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġu indirizzati kwistjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data sabiex ikun hemm kooperazzjoni effettiva u bla xkiel bejn l-amministrazzjonijiet u s-servizzi pubbliċi differenti.

- (27) Il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa jenħtieġ li tiġi implimentata minn skema li tikkonsisti minn miżuri ta' sostenn, u jenħtieġ li tkun orjentata lejn iċ-ċirkustanzi nazzjonali, reġjonali u lokali. Dawn l-iskemi jenħtieġ li jqisu d-diversità tal-Istati Membri fir-rigward tal-livelli tal-qgħad u l-inattività fost iż-żgħażaġh, tal-istruttura istituzzjonali, u tal-kapaċità tad-diversi parteċipanti fis-suq tax-xogħol. Jenħtieġ li dawn l-iskemi jqisu wkoll is-sitwazzjonijiet diversi fir-rigward ta' baġits pubbliċi u restrizzjonijiet finanzjarji f'termini tal-allokazzjoni tar-riżorsi, u jiġu mmonitorjati u mtejjba b'mod kontinwu.
- (28) Il-miżuri ta' sostenn jistgħu jiġu ffinanzjati minn fondi tal-Unjoni. L-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ 2014-2020 ('YEI') (li għaliha l-Unjoni tikkontribwixxi kważi EUR 9 biljun), flimkien ma' investment addizzjonali mill-Fond Soċjali Ewropew ('FSE'), kienet riżorsa finanzjarja ewlenija tal-Unjoni biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ. Bħala parti mill-Pjan ta' Rkupru għall-Ewropa u l-istrument "Next Generation EU", il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-Assistenza fl-Irkupru għall-Koeżjoni u għat-Territorji tal-Ewropa ('REACT-EU') ser jipprovdu finanzjament addizzjonali mill-Unjoni għall-miżuri għall-impjieġ taż-żgħażaġh. Dawk l-isforzi ser jiġu kkomplementati fil-perijodu ta' finanzjament 2021-27 mill-Fond Soċjali Ewropew Plus ('FSE+'), li ser jappoġġa l-firxa kollha tal-miżuri ta' impjieġ, edukazzjoni u taħriġ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa,

B'DAN JIRRAKKOMANDA LI L-ISTATI MEMBRI:

- (1) jiżguraw li ż-żgħażaġh kollha taħt l-età ta' 30 sena jirċievu offerta ta' impjieġ ta' kwalità tajba, ta' tkompli tal-edukazzjoni, ta' apprendistat jew traineeship fi żmien erba' xhur minn meta jisfaw qiegħda jew minn meta jtemmu l-edukazzjoni formali, f'konformità mal-Prinċipju 4 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Il-punt tat-tluq għall-forniment ta' offerta tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ lil persuna żaġhżuġha jenħtieġ li jkun ir-reġistrazzjoni ta' dik il-persuna żaġhżuġha ma' fornitur tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ. Jenħtieġ li l-iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ ikunu bbażati fuq il-linji gwida li ġejjin, li huma strutturati madwar erba' fażijiet (rispettivament, l-immappjar, is-sensibilizzazzjoni, it-tħejjija u l-offerta) u jenħtieġ li jiġu organizzati skont iċ-ċirkustanzi nazzjonali, reġjonali u lokali, filwaqt li tingħata attenzjoni għall-ġeneru u d-diversità taż-żgħażaġh fil-mira:

Immappjar

Identifikazzjoni tal-grupp fil-mira, tas-servizzi disponibbli u tal-ħtiġijiet b'rabta mal-ħiliet

- (2) isaħħu l-immappjar tal-grupp fil-mira biex jippermettu fehim aħjar tad-diversità tan-NEETs u l-appoġġ imfassal apposta li x'aktarx ikunu jeħtieġu, inkluż NEETs affettwati b'mod negattiv mir-reċessjoni ekonomika;
- (3) jimmappjaw is-servizzi disponibbli għal ħtiġijiet ta' appoġġ differenti, filwaqt li jużaw tbassir tal-ħiliet nazzjonali flimkien ma' tbassir disponibbli tal-ħiliet lokali (infurmat minn, pereżempju, l-intelliġenza tas-suq tax-xogħol ibbażata fuq il-big data) biex jidentifikaw il-ħiliet li hemm domanda għalihom fis-suq tax-xogħol, b'attenzjoni partikolari għall-ispeċifità reġjonali tas-suq tax-xogħol u għall-ostakli ffaċċati miż-żgħażaġh li jgħixu f'żoni rurali, f'żoni mbieġħda jew f'żoni urbani żvantaġġati;

Abilitazzjoni tal-prevenzjoni permezz ta' inseqwiment u ta' sistemi ta' twissija bikrija

- (4) isaħħu s-sistemi ta' twissija bikrija u l-kapaċitajiet ta' inseqwiment biex jidentifikaw dawk li jinsabu friskju li jsiru NEETs, filwaqt li jikkontribwixxu għall-prevenzjoni tat-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ (pereżempju permezz ta' gwida vokazzjonali fl-iskejjel, perkorsi ta' taġħlim aktar flessibbli u aktar taġħlim ibbażat fuq ix-xogħol), b'kooperazzjoni mas-settur tal-edukazzjoni, mal-ġenituri jew il-kustodji legali, u l-komunitajiet lokali, u bl-involvement tas-servizzi għaż-żgħażaġh, is-servizzi soċjali, tas-saħħa u tal-impjiegi;

Sensibilizzazzjoni

Sensibilizzazzjoni u mmirar tal-komunikazzjoni

- (5) jadottaw kanali ta' informazzjoni u skemi ta' sensibilizzazzjoni moderni, favur iż-żgħażaġh u lokali għal attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, bl-użu ta' opportunitajiet diġitali u mhux diġitali, filwaqt li jiżguraw l-involviment taż-żgħażaġh, tal-ħaddiema żgħażaġh u tal-organizzazzjonijiet lokali taż-żgħażaġh, tal-familji u tal-assoċjazzjonijiet tal-ġenituri;
- (6) jużaw stil viżwali li jintgħaraf għall-komunikazzjonijiet kollha, fejn rilevanti bbażat fuq il-linji gwida li l-Kummissjoni għamlet disponibbli, filwaqt li jtejbju l-aċċessibilità għal informazzjoni li tinftiehem faċilment dwar it-tipi kollha ta' appoġġ disponibbli, pereżempju permezz ta' portal web uniku bil-lingwa/i tal-pajjiż. Il-komunikazzjoni jenħtieġ li tevita l-isterjotipi kollha;

Tisħiħ tas-sensibilizzazzjoni għall-gruppi vulnerabbli

- (7) iżidu l-fokus fuq in-NEETs (b'mod partikolari dawk minn gruppi vulnerabbli, fosthom dawk b'diżabbiltajiet u bi problemi multidimensjonali), billi jużaw fornituri tas-servizzi mħarrġa speċifikament u strateġiji komplementari, bħall-ħidma fost iż-żgħażaġh, "ambaxxaturi" żgħażaġh u l-kooperazzjoni ma' sħab li jkunu fkuntatt ma' gruppi speċifiċi ta' żgħażaġh. Jesploraw, għal dawk in-NEETs li huma l-aktar diffiċli biex jintlaħqu, il-koordinazzjoni fil-forniment ta' benefiċċji, kif ukoll l-użu ta' unitajiet mobbli;

Thejjiġa

Użu ta' għodod ta' tfassil tal-profil biex jitfasslu pjanijiet ta' azzjoni individwalizzati

- (8) itejbu l-għodod u l-prattiki tat-tfassil ta' profili u tal-iskrinjar biex iqabblu l-ħtiġijiet u r-risponsi, billi jadottaw approċċ multivarjat u sensitiv għall-ġeneru għat-tfassil ta' profili u l-iskrinjar li jqis il-preferenzi u l-motivazzjoni, il-ħiliet u l-esperjenza ta' xogħol preċedenti, l-ostakli u l-iżvantaġġi tal-persuna żaġhżuġha kkonċernata, inkluż ir-raġunijiet għaliex huma qiegħda jew inattivi jew dawk relatati mar-residenza tagħhom f'żoni rurali, f'żoni mbiegħda jew f'żoni urbani żvantaġġati;
- (9) jiżguraw li jissaħħaħ il-proċess ta' konsulenza fis-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi u li l-fornituri tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ ikollhom kapaċità adegwata tal-persunal, inkluż persunal imħarreġ speċifikament biex iħaddem u jtejjeb l-għodod ta' tfassil tal-profil u ta' skrinjar, kif ukoll biex jiżviluppa pjanijiet ta' azzjoni individwalizzati li jqisu l-ħtiġijiet u r-risponsi ċċentriati fuq il-persuna;

Twettiq ta' konsulenza, gwida u mentoraġġ

- (10) itejbu l-fażi preparatorja permezz ta' konsulenza, gwida u mentoraġġ iċċentriati fuq il-persuni u pprovduti minn konsulenti mħarrġa, b'rispons għall-ħtiġijiet tal-individwu kkonċernat u b'attenzjoni xierqa għall-preġudizzju bbażat fuq il-ġeneru u għal forom oħra ta' diskriminazzjoni. Iħejju lin-NEETs għan-natura tax-xogħol li qed tinbidel u r-rekwiżiti tat-taġhlim tul il-ħajja, kemm permezz ta' konsulenza dwar il-karriera kif ukoll permezz ta' appoġġ għall-intraprenditorija, filwaqt li jadottaw appoġġ personalizzat, ħidma motivazzjonali, promozzjoni jew appoġġ mill-pari għan-NEETs;
- (11) jippermettu approċċ aktar olistiku għall-konsulenza, il-gwida u l-mentoraġġ billi jirreferu liż-żgħażaġh għal sħab (bħal istituzzjonijiet edukattivi u ta' taħriġ, sħab soċjali u organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, kif ukoll servizzi ta' ħidma fost iż-żgħażaġh, servizzi soċjali u tas-saħħa) li jistgħu jgħinu jimmotivaw u jappoġġaw lil dawk iż-żgħażaġh biex jegħlbu ostakli oħra għall-impjieġ;

Tisħiħ tal-ħiliet diġitali b'taħriġ preparatorju

- (12) jivvalutaw il-ħiliet diġitali tan-NEETs kollha li jirreġistraw fil-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, pereżempju billi jużaw il-Qafas Ewropew ta' Kompetenza Diġitali (DigComp) u l-għodod disponibbli ta' valutazzjoni u awtovalutazzjoni, filwaqt li jiżguraw li, abbażi tad-diskrepanzi identifikati, iż-żgħażaġh kollha li jeħtieġu taħriġ preparatorju ddedikat jiġu offruti tali taħriġ biex itejbu l-ħiliet diġitali tagħhom;

- (13) jissalvagwardjaw il-validazzjoni u r-rikonossiment ta' eżiti tat-tagħlim mhux formali u informali mit-taħriġ preparatorju billi jużaw arranġamenti ta' validazzjoni inkorporati fis-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, bl-użu ta' għodod eżistenti bħall-Europass, li jippermettu approċċ aktar modulari għall-akkumulazzjoni tal-kwalifiki, filwaqt li jittejjeb l-eżiti tat-tagħlim u jittejjeb ir-rikonossiment;

Valutazzjoni, titjib u validazzjoni ta' ħliet importanti oħra

- (14) jiżguraw li l-fażi preparatorja tiffaċilita t-taħriġ ta' aġġornament u t-taħriġ mill-ġdid fejn dan ikun xieraq, fil-biċċa kbira orjentati lejn ħliet diġitali, ekoloġiċi, lingwistiċi, intraprenditorjali u dawk fil-ġestjoni tal-karriera, bl-użu ta' oqfsa ta' kompetenza, għodod ta' valutazzjoni u awtovalutazzjoni u għodod ta' validazzjoni eżistenti biex jgħinu liż-żgħażaġh jaħtqu l-opportunitajiet f'setturi li qed jikbru, u jittejjew għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jinbidel;

Offerta

Kif jistgħu jsiru inċentivi li jirnexxu għall-impjiegi u n-negozji ġodda

- (15) jużaw inċentivi għall-impjiegi mmirati u mfassla sew, bħal sussidji tal-pagi, inċentivi għar-reklutaġġ ("bonuses"), tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, krediti tat-taxxa jew benefiċċji tad-diżabilità, u inċentivi għan-negozji ġodda sabiex jinħolqu opportunitajiet ta' kwalità tajba għall-integrazzjoni sostenibbli taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol; fejn xieraq l-offerti li jippromwovu l-impjeg indipendenti għaż-żgħażaġh jenħtieġ li jkunu marbuta ma' taħriġ fil-fond u konsulenza intraprenditorjali komprensiva;

Allinjament tal-offerta mal-istandards eżistenti biex jiġu żgurati l-kwalità u l-ekwità

- (16) jallinjaw l-offerti ta' impjeg mal-prinċipji rilevanti tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, filwaqt li jiżguraw ugwaljanza fit-trattament u l-opportunitajiet bejn in-nisa u l-irġiel fl-oqfsa kollha u d-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, l-aċċess għall-protezzjoni soċjali u t-taħriġ, tul raġonevoli tal-perijodi ta' prova u l-projbizzjoni ta' abbuż minħabba kuntratti atipiċi;
- (17) jiffaċilitaw it-triq lura lejn l-edukazzjoni u t-taħriġ għaż-żgħażaġh, billi jiddiversifikaw l-offerta ta' tkompliġja tal-edukazzjoni pereżempju permezz ta' perkorsi ta' taħlim flessibbli, taħlim ibbażat fuq ix-xogħol, programmi ta' tranżizzjoni u programmi tat-tieni opportunità, filwaqt li jiżguraw, fejn xieraq, il-validazzjoni ta' taħlim mhux formali u informali;
- (18) jintensifikaw l-appoġġ għall-apprendistati ta' kwalità u jiżguraw li l-offerti jikkonformaw mal-istandards minimi stipulati fil-Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi;
- (19) jiżguraw li l-offerti ta' traineeships jikkonformaw mal-istandards minimi stabbiliti fil-Qafas ta' Kwalità għat-Traineeships;

Għoti ta' appoġġ wara l-kollokament u l-implimentazzjoni tal-feedback

- (20) jespandu l-appoġġ kontinwu wara l-kollokament għaż-żgħażaġh biex jgħinuhom ilaħħqu ma' sitwazzjonijiet ġodda u jaġġustaw il-pjanijiet ta' azzjoni individwalizzati fejn meħtieġ, bl-użu tal-opportunità ta' feedback ta' wara l-kollokament biex tiġi żgurata offerta ta' kwalità u jiġi evitat li ż-żgħażaġh jerġgħu lura għal status ta' NEET;

Abilitanti trażversali

Mobilizzazzjoni tas-sħubijiet

- (21) isaħħu s-sħubijiet, fil-livelli kollha tal-gvern, bejn il-fornituri tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u l-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħall-impjegaturi, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, is-sħab soċjali, is-servizzi ta' ħidma fost iż-żgħażaġh, il-fornituri ta' attivitajiet ta' solidarjetà u dawk ċiviċi, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili; jippromwovu protokoll għall-kooperazzjoni bejn il-fornituri tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u servizzi soċjali oħra, bħall-indukrar tat-fjal, il-kura tas-saħħa, ir-riabilitazzjoni, l-akkomodazzjoni soċjali u s-servizzi ta' aċċessibilità;

- (22) jippromwovu l-iżvilupp ulterjuri ta' mudelli ta' servizzi integrati, bħal punti uniċi ta' servizz, ġestjoni konġunta ta' każijiet jew timijiet multidixxiplinarji, li jsaħħu s-shubbijiet u jippermettu punt uniku ta' kuntatt għaż-żgħażaġh;

Titjib tal-ġbir ta' data u tal-monitoraġġ tal-iskemi

- (23) iżidu l-isforzi biex jarrikkixxu d-data ta' segwitu billi jsaħħu s-sistemi li jippermettu li ż-żgħażaġh jiġu segwiti wara li jaċċettaw offerta sabiex tiġi mmonitorjata l-integrazzjoni sostenibbli u fit-tul fis-suq tax-xogħol;
- (24) filwaqt li jirrispettaw ir-regoli tal-protezzjoni tad-data, iħeġġu l-kondiviżjoni usa' ta' data ta' segwiment, ta' tfassil tal-profil u ta' segwitu fost is-sħab tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ biex jittejjeb l-appoġġ, li huwa ta' importanza partikolari għas-suċċess ta' interventi mmirati lejn in-NEETs vulnerabbli;

Użu sħiħ u ottimu mill-fondi

- (25) jiddedikaw riżorsi nazzjonali adegwati għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' politika mressqa mill-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa, filwaqt li jiżguraw li dawn ikunu mmirati sew għall-ħtiġijiet individwali ta' kull persuna żaġżuġha u speċjalment tal-gruppi l-aktar vulnerabbli;
- (26) jagħmlu użu sħiħ u ottimali mill-istrumenti attwali tal-Unjoni taħt il-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari l-YEI, il-FSE u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali ('FEŻR') (2014-2020), u jimmobilizzaw sehem sinifikanti mill-fondi addizzjonali pprovduti taħt REACT-EU, kif ukoll il-FSE+ u l-FEŻR (2021-2027), biex jappoġġaw l-impjeg, l-edukazzjoni u t-taħriġ taż-żgħażaġh, jipprevjenu l-qgħad u l-inattività fost iż-żgħażaġh u jimplimentaw riformi ta' politika rilevanti;
- (27) jisfruttaw il-potenzjal li l-isforzi ta' finanzjament nazzjonali jiġu kkomplementati b'sorsi oħra ta' finanzjament mill-Unjoni li jistgħu jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa, b'mod partikolari l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali ('FAEŻR'), il-Programm InvestEU, il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni ('AMIF'), il-programm Erasmus+ u l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku;

B'DAN JILQA' L-INTENZJONI TAL-KUMMISSJONI LI:

Titjib tal-ġbir ta' data u tal-monitoraġġ tal-iskemi

- (28) tkompli tappoġġa l-monitoraġġ kwantitattiv tal-iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ abbażi tal-Qafas ta' Indikaturi miftiehem b'mod ġenerali, billi tipproponi aġġustamenti fejn xieraq fid-dawl ta' din ir-Rakkomandazzjoni;
- (29) mill-2022 'il quddiem, ittejjeb il-granularità li biha jiġi vvalutat il-grupp ta' NEETs fil-mira, u tibbenefika mit-titjib għall-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol tal-UE li rriżulta mir-Regolament (UE) 2019/1700;

Monitoraġġ tal-implimentazzjoni

- (30) timmonitorja l-implimentazzjoni ta' skemi ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ skont din ir-Rakkomandazzjoni permezz tas-sorveljanza multilaterali tal-Kumitat tal-Impjiegi ('EMCO') fi ħdan il-qafas tas-Semestru Ewropew;
- (31) tinteraġixxi regolarment mal-Istati Membri fil-kuntest tas-Semestru Ewropew biex tiżgura l-monitoraġġ ta' investment nazzjonali kontinwu f'politiki u programmi għall-impjeg taż-żgħażaġh; tindirizza, fejn xieraq, rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi lill-Istati Membri abbażi tal-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri;
- (32) tirrapporta regolarment lill-EMCO dwar żviluppi li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u r-riżultati ta' skemi ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ;

Sensibilizzazzjoni u mmirar tal-komunikazzjoni

(33) issaħħaħ l-appoġġ għall-isforzi ta' sensibilizzazzjoni u ta' komunikazzjoni tal-Istati Membri, u ssaħħaħ it-tixrid tar-riżultati u eżempji ta' prattika tajba fost l-Istati Membri, inkluż permezz tan-*Network Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi*.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar it-twaqqif ta' *Garanzija għaż-Żgħażaġħ* għandha tiġi sostitwita b'din ir-rakkomandazzjoni.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 2020.

Għall-Kunsill

Il-President

M. ROTH
